2026/2513

12.11.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2513

tal-5 ta' Novembru 2026

dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Sulinka" (DOP) fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi skont ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2024/1143, l-applikazzjoni tas-Slovakkja għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika "Sulinka" ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-indikazzjoni ġeografika "Sulinka" tiddaħħal fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-indikazzjoni ġeografika "Sulinka" (DOP) hija b'dan imdaħħla fir-reġistru tal-Unjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi msemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2024/1143.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2026.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Christophe HANSEN
Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj.
([2]) ĠU C, C/2026/3734, 13.7.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2026/3734/oj.